**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Frar 2021**

Numru 4

**Rikors Nru. 214/2019**

**Lawrence Borg f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta Cerviola Hotel Limited, kif ukoll okkorrendo in rapprezentanza tas-socjeta estera Cerviola Holidays Limited registrata fir-Renju Unit**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u**
**Bank Centrali ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-6 ta' Novembru 2019 li jghid hekk:

Illi fl-1986 l-Amministrazzjoni introduciet skema msejha Special Guaranteed Pound Sterling Rate ghal tour operators li jorganizzaw vjaggi lejn ir-Renju Unit u Malta, liema skeda kienet tipprovdi rata garantita ghal certu perjodi matul is-sena taht certi kondizzjonijiet a tenur tac-cirkolari mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fil-31 ta' Ottubru 1986. Is-socjeta rikorrenti Cerviola Holiday Limited applikat taht din l-iskema lill-Bank Centrali ta' Malta u nhargilha l-permess relattiv biex topera taht l-istess skema.

Illi b'sentenza tat-28 ta' Novembru 1994, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali lliberat lir-rikorrent Lawrence Borg u lill-imputati l-ohra kollha mill-akkuzi dedotti kontra taghhom in konnessjoni mat-thaddim ta' din l-iskema.

Illi b'sentenza tal-25 ta' Lulju 1996, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell tal-Avukat Generali u ddikjaratu irritu u null, u s-sentenza liberatorja giet ikkonfermata fir-rigward tar-rikorrent Lawrence Borg u tal-imputati l-ohra.

Illi b'sentenza tal-1 ta' Marzu 2004 fil-kawza Citazzjoni Numru 463/1990/1 dwar danni pretizi, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tal-Bank Centrali ta' Malta u tal-Ministru tal-Finanzi fil-kawza li biha huma talbu lill-Qorti tawtorizzahom jizbankaw is-somma ta' Lm2,221.77,5.

Illi b'sentenza ohra tal-1 ta' Marzu 2004 fil-kawza 2959/1996/1 dwar stharrig gudizzjarju, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrenti Lawrence Borg pro et noe.

Illi b'sentenza tad-9 ta' Marzu 2007 fil-kawza istitwita minn Lawrence Borg pro et, Citazzjoni Numru 2959/1996, l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet l-appell.

Illi dan l-ezitu, kif ser jigi ppruvat, kien ifisser lir-rikorrenti telf ta' somom kbar ai termini ta' dik l-iskema. Ghalhekk huwa pproceda b'kawza fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali.

Illi b'sentenza tas-7 ta' Ottubru 2009, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) cahdet it-talbiet tar-rikorrent pro et noe.

Illi b'sentenza tat-28 ta' Mejju 2010, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali cahdet l-appell tar-rikorrent pro et noe u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti.

Illi r-rikorrent ipproceda quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem b'Applikazzjoni Numru 57171/10 Lawrence Borg v. Malta, liema Applikazzjoni giet deciza fis-26 ta' Gunju 2012 billi giet dikjarata inammissibbli.

Illi b'hekk Lawrence Borg ezawrixxa r-rimedji kollha domestici kif ukoll irrikorra quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem minghajr l-ebda success.

Illi l-lanjanza odjerna tieghu hija illi, galadarba r-rikorrent Lawrence Borg gie misjub mhux hati tal-imputazzjonijiet imressqa mill-Pulizija kontra tieghu u lliberat definittivament mill-akkuzi, ma tista' ssir l-ebda evalwazzjoni gdida tac-cirkostanzi tal-kaz li biha titnissel htija jew sejbien ta' htija, u dan fl-ebda forum jew sede ohra, kemm kriminali kif ukoll civili. Fi kliem iehor, is-sentenza finali dwar nuqqas ta' htija tosta kull riflessjoni, osservazzjoni u konkluzjoni rigwardanti suspett dwar twettiq ta' reat, jigifieri, a finding on the continuing existence of suspicion. B'danakollu, matul diversi stadji tal-proceduri civili, giet effettivament ricevuta xiehda, inammissibbli jew le, illi tirrigwarda suspett dwar twettiq ta' reat. Barra minn hekk, tali xiehda inammissibbli li kienet tirrigwarda, fil-fehma tax-xiehda in kwistjoni, suspett dwar twettiq ta' reat giet adottata u integrata fis-sentenzi moghtija fil-proceduri civili, kontra l-principju tal-presunzjoni tal-innocenza applikabbli fil-konfront ta' kull persuna li tigi mehlusa minn akkuzi kriminali.

Illi konsegwentement sehh dak li jissejjah an appraisal of guilt fil-konfront ta' persuna li tkun giet definittivament mehlusa minn kull htija u piena.

Illi r-rikorrenti nghataw 'penalty in disguise' billi sofrew danni pekunjarji billi ma thallewx ikomplu jippartecipaw fl-iskema u kellhom jikkancellaw diversi Chartered Flights b'telf finanzjarju enormi, kif ukoll danni non-pekunjarji u spejjez.

Barra minn hekk, partecipanti ohra f'din l-iskema gew mahfura minkejja li nqabdu li wettqu irregolaritajiet u komplew jibbenefikaw mill-vantaggi taht din l-iskema, u b'hekk twettqet diskriminazzjoni.

Illi lucida ferm hija l-ispjegazzjoni ta' dan il-kuncett moghtija mill-Prim Imhallef Emeritus u Imhallef tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem John J. Cremona fid-Dissenting Opinion tieghu fil-kaz "Nölkenbockhoff v. Germany" (25 ta' Awwissu 1987, Applikazzjoni Numru 10300/83):
Like the unanimous Commission, I find that the above reasoning of the aforesaid courts is perfectly capable of being understood as meaning that the accused was in fact guilty of a criminal offence. Indeed this is the ordinary meaning conveyed by the wording actually used, and when it comes to such a basic principle as that of the presumption of innocence, what really matters is not the possible intent with which certain words were uttered in judicial decisions concerning the accused, but the actual meaning of those words to the public at large. What is decisive is that at the end of the day one is left with the impression that the courts did consider that Mr. Nölkenbockhoff was in fact guilty. The net result is in my view a surrogate conviction of the accused without the benefit of the protection afforded by Article 6 § 2 (art. 6-2).

Mela, jekk f'kaz fejn il-proceduri ma gewx mitmuma, ma setghetx titnissel assunzjoni jew konkluzjoni ta' reita, kemm iktar tali assunzjoni ta' reita ma setghetx titnissel, fejn Lawrence Borg gie effettivament misjub mhux hati u lliberat?

Illi f'dawn ic-cirkostanzi antiguridici, ir-rikorrent personalment, kif ukoll iz-zewg socjetajiet rikorrenti, sofrew vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu gew lezi l-principju tal-presunzjoni tal-innocenza wara li Lawrence Borg gie ddikjarat mhux hati u lliberat, kif ukoll in kwantu ghal eccessive length of proceedings, u vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu huwa safa minghajr rimedju effettiv minkejja li ezawrixxa r-rimedji kollha disponibbli ghalih.

Illi jirrizulta wkoll illi partecipanti ohra f'din l-iskema gew mahfura minkejja li nqabdu li wettqu irregolaritajiet u komplew igawdu l-vantaggi taht din l-iskema, filwaqt li l-esponenti kellhom sahansitra jhassru Chartered Flights li kienu jiswew Lm12,000 kull titjira.

Ghaldaqstant ir-rikorrent proprio u z-zewg socjetajiet rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha –
Tiddikjara illi huma sofrew:

(1) vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu gew lezi l-principju tal-presunzjoni tal-innocenza wara li Lawrence Borg gie ddikjarat mhux hati u lliberat, kif ukoll in kwantu ghal eccessive length of proceedings,

(2) vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem,

(3) vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu huwa safa minghajr rimedju effettiv minkejja li ezawrixxa r-rimedji kollha disponibbli ghalih;

(4) vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem li jipprotegi kontra diskriminazzjoni, abbinat mal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni dwar il-presunzjoni tal-innocenza, in kwantu partecipanti ohra f'din l-iskema gew mahfura minkejja li nqabdu li wettqu irregolaritajiet;

(5) vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu huma sofrew telf finanzjarju in kwantu l-applikazzjoni taghhom ai termini tal-iskema in kwistjoni giet milqugha izda twaqqfet mill-awtoritajiet koncernati.

Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq ai termini tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li jikkomprendi d-danni pekunjarji, id-danni non-pekunjari u l-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali illum Avukat tal-Istat li tghid hekk:

1 Illi din l-azzjoni ma tistax tissokta minhabba li t-tilwima konvenzjonali li r-rikorrent pro et noe ghandu mal-Gvern ta' Malta fuq l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-istess Konvenzjoni llum tinsab maghluqa ghal dejjem b'sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fit-28 ta' Mejju 2010, kopja ta' liema qed tigi hawn mehmuza bhala Dok. AG1. Terga' u tghid, l-istess tilwima konvenzjonali hija maghluqa wkoll anke fil-forum internazzjonali bis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-26 ta' Gunju 2012 (Dok. AG2);

2. Illi dwar dan l-aspett jinghad li kawza kostituzzjonali ma tistax tintuza biex tigi mwaqqa' jew mibdula kawza kostituzzjonali ohra li tkun ga giet deciza qabel. Tabilhaqq ir-rikorrent pro et noe ma jistax jinqeda b'kawza kostituzzjonali gdida biex jerga' jitlob li ilment tieghu ga deciz jerga' jigi trattat u mistharreg mill-gdid. Ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrent pro et noe ma tistax tissokta 'l quddiem minhabba x-xkiel tal-gudikat tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Illi bla hsara ghall-premess, l-ewwel talba tar-rikorrent pro et noe, sa fejn jilmenta minn ksur tal-principju tal-innocenza, mhi misthoqqha xejn. Kif gie misjub fil-proceduri ta' stharrig gudizzjarju mressqa mir-rikorrent pro et noe kontra l-Bank Centrali ta' Malta (ara Dok. AG3), l-imsemmi Bank iddecieda li r-rikorrent pro et noe ma kienx haqqu jibbenefika mill-iskema ta' "Special Guaranteed Fund Sterling Rate Scheme", mahruga mill-Gvern Malti fl-1986 (li biha l-agenziji tal-ivvjaggar li jgibu turisti mir-Renju Unit seta' jkollhom rata ta' kambju garantita mqabbla mal-lira Maltija), mhux minhabba l-proceduri kriminali li tmexxew kontrih izda minhabba irregolaritajiet li l-Bank sab li gew imwettqa mir-rikorrent pro et noe. Fil-fatt kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u kif ukoll il-Qorti tal-Appell sabu li l-Bank Centrali ta' Malta ma kienx abbuziv jew irragonevoli fid-decizjoni tieghu li ma jhallix lir-rikorrent pro et noe jibbenefika mill-iskema. L-istess ikkonkludew ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem, viz. li l-Bank Centrali ta' Malta sejjes id-decizjoni tieghu mhux fuq il-fatt wahdu li ttiehdu proceduri kriminali izda fuq l-irregolaritajiet li sab hu stess. Jigi b'hekk, li l-principju tal-innocenza mqajjem mir-rikorrent pro et noe ma gie mxellef minn hadd ghaliex il-Bank Centrali ta' Malta sejjes id-decizjoni tieghu mhux fuq prezunzjoni jew sthajjil izda fuq sejbiet ta' irregolaritajiet;

4. Illi mill-band 'l ohra sa fejn l-ewwel talba tinsab imsejsa fuq dewmien fil-proceduri Civili, ir-rikorrent pro et noe ga nghata u thallas kumpens ta' €4,500 b'kollox, permezz taz-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk l-Istat Malti ma ghandu jaghti xejn aktar fuq din il-kwestjoni;

5. Illi t-tieni talba kif mibnija fuq l-artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 ukoll mhijiex misthoqqha ghaliex ir-rikorrent pro et noe ma giex processat jew ikkastigat kriminalment ghal darbtejn. Ta' min jghid ukoll li dan l-ilment mhux biss gie mwarrab mill-qrati taghna izda sahanistra gie meqjus bhala manifestly ill-founded mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

6. Illi t-tielet talba tar-rikorrent pro et noe li huwa ma kellux rimedju effettiv taht il-ligi domestika bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea hija ghal kollox barra minn lokha. Bhala stat ta' fatt huwa kellu rimedju effettiv quddiem il-Qrati Kostituzzjonali. Imbilli l-Qorti Kostituzzjonali ma taghtux ragun fl-ilmenti kollha tieghu ma jfissirx b'daqshekk li huwa ma kellux rimedju effettiv taht il-ligi domestika. Ir-rimedju effettiv ma jitkejjilx fuq jekk il-kawza tintrebah jew tintitlef. Ghalhekk ir-rikorrent pro et noe ma jistax jargumenta li ma kellux rimedju effettiv mill-Qorti Kostituzzjonali ghaliex huwa ma nghatax ragun fit-talbiet tieghu. Wara kollox, anke l-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali f'dawk il-partijiet fejn ma sabitx ksur konvenzjonali;

7. Illi ghal dak li jolqot ir-raba' talba dwar l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jissottometti li r-rikorrent ma indikax fuq liema kawzali jew status huwa allegatament gie ddiskriminat. F'dan il-kwadru, ghandu jinghad li skont dan l-artikolu 14, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni ghandha tigi zgurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status iehor. Minn din il-perspettiva, ma giex muri li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawzali ta' status, inkwantu karattestika personali tieghu;

8. Illi mizjud ma' dan, ir-rikorrent pro et noe ma jipprovdi l-ebda hjiel ma' min huwa allegatament gie diskriminat. Dan biex ma jinghadx ukoll li l-qrati Civili u l-qrati kostituzzjonali taghna ga sabu li r-rikorrent pro et noe ma bata l-ebda forma ta' diskriminazzjoni;

9. Illi l-hames talba fuq ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea wkoll ma tistax tintlaqa' peress li kif tajjeb tenniet il-Qorti Kostituzzjonali, ladarba l-qrati Civili sabu li l-Bank Centrali ta' Malta kellu ragunijiet tajba biex jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent pro et noe biex jiehu beneficcju mis-sistema tal-"foreward buying rate", allura l-istess rikorrent pro et noe la kien igawdi minn possediment u lanqas minn stennija mxennqa fuq dak il-beneficcju, li jisthoqqlu harsien bil-ligi;

10. Illi naturalment galadarba r-rikorrent pro et noe ma garrab l-ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali kif mitluba fl-ewwel hames talbiet tieghu, allura lanqas ma tistax tigi milqugha l-ahhar talba tieghu biex jinghata kumpens fi flus;

11. Illi l-esponent ikollu jisghobbih jaghlaq billi jtenni li din il-kawza mhijiex hlief abbuz tal-proceduri straordinarji marbuta mal-harsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Dawn l-ilmenti ga gew mistharrga mill-Qorti Kostituzzjonali u sahansitra whud minnhom gew meqjusa bhala inammissibbli ghaliex manifestly ill-founded mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk meqjus li l-ilmenti mqanqla mir-rikorrent pro et noe huma ta' ghamla semplicement frivola u vessatorja u meqjus ukoll li din l-azzjoni qieghda tnaqqar mill-hin tal-qrati taghna milli jqisu kawzi ohra serji li jisthoqqilhom stharrig, l-esponent iqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huwa xieraq li din l-Onorabbli Qorti tapplika kontra r-rikorrent pro et noe dak li hemm imnizzel fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent pro et noe bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-Bank Centrali ta’ Malta li tghid hekk:

1. Preliminarjament, kull wiehed mir-rikorrenti ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu biex jipproponi u jipprosegwi din il-kawza.

2. Preliminarjament ukoll, ir-rikorrent Lawrence Borg ghandu jipprova r-rapprezentanza tieghu tas-socjetajiet Cerviola Hotel Limted u Cerviola Holidays Limited, kif ukoll l-awtorizzazzjoni taghhom biex jipprezenta din il-kawza.

3. Preliminarjament ukoll, il-procedura odjerna hi pregudikata bir-res judicata stante li din il-Qorti, diversament presjeduta, ga ddecidiet il-vertenza odjerna fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Lawrence Borg pro et noe vs Avukat Generali deciza fit-28 ta' Mejju 2010, u b'dik tal-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Lawrence Borg v. Malta tas-26 ta' Gunju 2012.

4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhux minnu li l-esponent kien responsabbli ta' xi ksur ta' drittijiet fundamentali taht il-Konvenzjoni Ewropea kif allegat mir-rikorrent proprio et nomine, jew li kkastigahom ghal reat li tieghu ma nstabux hatja skont il-ligi. Kif ga deciz mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent kien legalment gustifikat fil-konkluzjonijiet u d-decizjonijiet tieghu.

5. Minghajr pregudizzju wkoll, kwalunkwe pretensjoni tar-rikorrenti li sofrew jew qed isofru ksur ta' xi dritt fundamentali taghhom protett taht il-Konvenzjoni Ewropea, bi htija tal-esponent, hija bla fondament fil-fatt u fid-dritt. Fil-kwistjonijiet imqajma mill-istess rikorrenti, l-esponent mexa biss u ghal kollox skont il-ligi.

6. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fil-ligi.

7. Ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk ir-ragunijiet l-ohra li ser jingiebu waqt is-smigh tal-kawza, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Lawrence Borg xehed li skont Dok. LB1 fol. 91 hu jidher bhala shareholder, company secretary u legal representative tal-kumpanija Hotel Cerviola Ltd. Din il-kumpanija giet struck off as defunct skont Dok. LB2 fol 94. Dok. LB3 fol. 95 Cerviola Holidays Ltd giet dissolved fil-5 ta' Jannar 2016. Dawn spiccaw hekk ghax il-Bank Centrali kien issekwestralhom kollox. Kellu kumpaniji ohra li gralhom l-istess haga.

Fuq kontro-ezami wiegeb li dina l-kawza ghamilha fuq il-special guaranteed pound sterling rate li kienet tinghata lit-Tour Operators, fil-kaz tieghu Cerviola Holidays Ltd. Hu kien shareholder fiz-zewg kumpaniji. Il-kumpanija kienet applikat ghal dina l-ispecial guarantee. Ma jiftakarx li meta kienu fittxewh, fil-kawza hu kien qal li ma kellu x'jaqsam xejn personalment. Dawn iz-zewg kumpaniji kienu spiccaw meta pprezenta dina l-kawza.

Illi dina l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet tal-intimati dwar ir-rapprezentanza tar-rikorrent u tal-interess guridiku tieghu.

**Eccezzjonijiet preliminari**

Preliminarjament, kull wiehed mir-rikorrenti ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu biex jipproponi u jipprosegwi din il-kawza.

Preliminarjament ukoll, ir-rikorrent Lawrence Borg ghandu jipprova r-rapprezentanza tieghu tas-socjetajiet Cerviola Hotel Limted u Cerviola Holidays Limited, kif ukoll l-awtorizzazzjoni taghhom biex jipprezenta din il-kawza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Rapprezentant tas-socjetajiet rikorrenti**

Illi dina l-kawaza giet prezentata fis-6 ta' Novembru 2019 minn Lawrence Borg f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta Cerviola Hotel Limited, kif ukoll okkorrendo

in rapprezentanza tas-socjeta estera Cerviola  Holiday Limited registrata fir-Renju Unit.

Illi mill-atti jirrizulta li l-kumpanija Hotel Cerviola Ltd. giet ‘struck off as defunct’ skont Dok. LB2 fol 94 billi skont ir-rikorrent dina ma kinitx qed tmexxi n-negozju taghha; u Cerviola Holidays Ltd giet dissolved fil- 5 ta’ Jannar 2016 Dok. LB3 fol 95.

Illi meta giet ipprezentata dina l-kawza iz-zewg kumpaniji ma kienux ghandhom jezistu. Ghalkemm qabel Lawrence Borg kellu r-rapprezentanza tal-kumpanija Cerviola Hotel Limited, meta giet ipprezentata dina l-kawza huwa ma kienx ghad baqalu r-rapprezentanza ta’ ebda wahda minn dawn iz-zewg kumpaniji ghax kienu defunct (ara Artikolu 4(4) tal-Kap 386).

Ghalhekk ir-rikorrent ma setax jigi awtorizzat biex jirrapprezenta dina l-kawza minn dawn iz-zewg kumpaniji billi dawn kienu mejtin meta giet pprezentata l-kawza. Hu ma jistax jirrapprezenta kumpaniji li ma ghadhomx jezistu.

Ghalhekk dawn iz-zewg kumpaniji ma ghandhom ebda locus standi f’dina l-kawza. Ir-rikorrent ma jistax jidher ghan-nom taghhom.

Li jifdal f’dina l-kawza hu r-rikorrent fil-vesti tieghu personali biss.

**Interess Guridiku**

L-intimati wiegbu li r-rikorrent irid jipprova l-interess guridiku tieghu biex jipproponi u jipprosegwi b’din il-kawza. L-intimati jissottomettu li biex xi hadd jista’ jressaq azzjoni dwar ksur ta’ jedd fundamentali kif imhares taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni, irid juri li huwa garrab jew sejjer igarrab dak il-ksur[1]. Ghalhekk azzjoni bhal din tehtieg l-interess tal-parti li tressaqha.

Ir-rikorrent issottometta li anke jekk iz-zewg kumpaniji huma llum defunti, xorta

[1] Kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta’ din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x’aktarx ser tigi miksura **dwarha (a**rt. 46(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta)

wahda jrid jinghata dritt ta' azzjoni lir-rikorrent f'ismu u fl-interess taz-zewg kumpaniji ghal ksib ta' rimedju biex ihares id-drittijiet tieghu li gew vjolati jew inqerdu mill-Bank Centrali ta' Malta.

Ghandu jinghad qabel xejn illi l-legittimazzjoni attiva biex tressaq azzjoni taht id-disposizzjoniijet tal-Kostituzzjoni li jharsu d-drittijiet fondamentali u dik biex tressaq azzjoni taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ghalkemm jixxiebhu u qrib xulxin, ma humiex ghal kollox identici. L-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni jrid illi biex titressaq azzjoni taht l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni huwa mehtieg "interess personali b'appogg ghall-azzjoni", waqt li taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa mehtieg illi l-attur juri illi huwa "vittma" ta' ksur ta' xi jedd imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea. Ghalkemm, kif inghad, iz-zewg kuncetti huma qrib xulxin u jixxiebhu, ghax kull min hu vittma ghandu wkoll, minhabba f'hekk, interess persunali, ma humiex identici, ghax l-interess personali jista' wkoll ikun usa (ara **Carmel Aquilina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 27/09/2019).

Kwantu ghal azzjoni taht id-disposizzjoniijet tal-Kostituzzjoni li jharsu d-drittijiet fondamentali huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistwitwixxi proceduri gudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq (ara **Anna Attard et noe vs Rev. Patri Serafin Abela noe et**, PA 12/12/2001). Fl-assenza ta' dan r-rekwizit ma jistax jinghad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bhala konsewgenza l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jigi ritenut bhala mhux il-legittimu kontradittur (mill-kaz **Cecil Pace vs Emanuel A. Bonello**, App 24/09/2004).

Dan l-interess guridiku jehtieg li jintwera f'kull waqt ta' procediment bhal dak sal-ghoti tas-sentenza. Huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li l-interess guridiku ghandu jissussisti f'kull stadju tal-kawza. Fil-fatt jinghad li "L-interess irid ikun jezisti mhux biss fil-bidu tal-kawza izda jrid jipperdura matul is-smigh kollu taghha" (**George Laferla et vs Joseph Lauri et**, App 10/05/2005; **Joseph Sammut et vs /carneki**

**Attard**, App 17/02/1993 u **Britannia Catering Company Limited vs Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet et**, Kost 12/04/2011).

Il-principji li jistabilixxu x'ghandu jkun dan l-interess guridku f'kawza 'ordinarja' ghandu japplika wkoll ghall-kawzi taht il-procedura specjali ta' ksur ta' dritt fundamentali (ara **Josephine Azzopardi pro et noe et vs Onor. Prim Ministru et**, Kost 25/04/2018).

Illi fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ghandu ebda interess guridiku dirett fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji billi skont il-ligi kummercjali taghna, is-socjetajiet kummercjali regolarment kostitwiti jikkostitwixxu personalita legali diversa mill-personalita individwali tal-membri li jikkomponuha.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li kull azzjonisti jew socju f'socjeta li ghandha personalita legali distinta minn dik tal-membri taghha, ghandu drittijiet u obbligi personali li jispettaw lilu bhala azzjonista li huma pero distinti mid-drittijiet u obbligi spettanti tal-istess socjeta (**Cecil Pace pro et noe vs Emanuel Bonello**, App 31/07/1996). L-assi tas-socjeta jibqghu proprjeta taghha in vista tal-personalita guridika differenti taghha. L-azzjonisti individwali mhumiex partijiet f'azzjoni gudizzjarja istitwita minn, jew kontra s-socjeta.

Ir-rikorrent jirrikonoxxi dana u fil-kawza **Anthony Galdes noe et vs Lawrence Borg pen et**, PA 01/03/2004 (ara fol. 104) ir-rikorrent kien eccepixxa li:
"Fl-ewwel lok illi t-tahrika li saret kontra tieghu personalment bhala azzjonista m'hijiex sostenibbli peress illi l-azzjonista f'socjeta kummercjali ma jirrapprezentax l-istess socjeta guridika differenti u l-Bank Centrali dahal fi ftehim ma' socjetajiet u mhux ma' individwi".

Illi r-rikorrent jirrikonoxxi li hu ma jwiegibx ghaz-zewg kumpaniji  billi l-personalita legali ta' kumpaniji u dik tieghu huma distinti. Hu personalment ma kienx iwiegeb ghal azzjoni gudizzjarja istitwita minnhom, jew kontra taghhom.

Ghalhekk ir-rikorrent ma ghandu ebda interess guridiku f'dawn iz-zewg kumpaniji fir-rigward tal-ilment kostituzzjonali taghhom u personalment ma garrab ebda ksur ta' xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali imsemmija fir-rikors.

Min-naha l-ohra, f'azzjoni fuq allegat ksur ta' xi jedd fundamentali, il-Konvenzjoni nnifisha tistabilixxi min jista' jitqies bhala l-"vittma" li jisthoqqilha l-harsien u r-rimedju ghal ksur bhal dak.

L-artikolu 34 tal-Konvenzjoni jghid li:

> Il-Qorti tista' tircievi applikazzjonijiet minn ghand kwalunkwe persuna, organizzazzjoni non-governattiva jew grupp ta' individwi li jsostnu li huma vittmi ta' ksur minn naha ta' wiehed mill-Partijiet Gholja Kontraenti tad-drittijiet kif msemmija fil-Konvenzjoni jew fil-Protokolli taghha. Il-Partijiet Gholja Kontraenti jimpenjaw ruhhom li ma jfixklux bl-ebda mod l-ezercizzju effettiv ta' dan id-dritt.

Illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg il-kuncett ta' vittma ta' ksur ta' drittijiet fondamentali jinkludi kemm il-vittmi diretti kif ukoll il-vittmi indiritti ta' tali ksur. Dan ghaliex:

> Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (see, mutatis mutandis, Defalque v. Belgium, no. 37330/02, § 46, 20 April 2006, and Tourkiki Enosi Xanthis and Others v. Greece, no. 26698/05, § 38, 27 March 2008).

Illi f'dan il-kaz il-vittmi diretti, kieku ghadhom registrati, kienu jkunu l-kumpaniji Cerviola Hotel Limited u Cerviola Holiday Limited billi huma kienu t-tour operators li lilhom kienet tmiss il-Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme, u mhux lir-rikorrent personalment. Ir-rikorrent fetah il-kawza kontra c-Central Bank Dok. AG3 a fol. 65 biex jattakka d-decizjoni tal-Bank f'isem il-kumpanija Cerviola Holidays Ltd u mhux f'ismu personali. Inoltre ir-rikorrent kien eccepixxa fil-kawza Galdes vs Borg li kien il-Bank Centrali li dahal fi ftehim ma' socjetajiet u mhux ma' individwi.

Ghalhekk ir-rikorrent ma jikkawlifikax bhala vittma diretta fir-rigward tal-azzjoni Konvenzjonali fuq allegat ksur ta' xi jedd fundamentali.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-“vittma indiretta”, (f’dan il-kaz ir-rikorrent personalment) il-**Practical Guide on Admissibility Criteria**, jistabilixxi li :

> The Court may accept an individual application from a person considered an indirect victim, where there is a personal and specific link between the direct victim and the applicant;

Illi, pero:

> 39. It falls first to the national authorities to redress any alleged violation of the Convention. Hence, the question whether an applicant can claim to be a victim of the violation alleged is relevant at all stages of the proceedings before the Court (Scordino v. Italy (no. 1) [GC], § 179; Rooman v. Belgium [GC], §§ 128-133). In this regard, the applicant must be able to justify his or her status as a victim throughout the proceedings (Burdov v. Russia, § 30; Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy [GC], § 80).

Skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta’ Strasbourg:

> Shareholders in a company cannot claim to be victims of a violation of the company’s rights under Article 1 of Protocol No. 1 (**Agrotexim and Others v. Greece**, §§ 62 and 64), save in exceptional circumstances (Camberrow MM5 AD v. Bulgaria (dec.)”;

Fil-kaz **Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy** [GC], § 92) inghad hekk:

> 92. The Court reiterates that the term “victim” used in Article 34 of the Convention denotes the person directly affected by the act or omission which is in issue (see, among other authorities, Vatan v. Russia, no. 47978/99, § 48, 7 October 2004). It further reiterates that a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party, even if he or she was a shareholder and/or director of a company which was party to the proceedings (see, among other authorities, F. Santos, Lda. and Fachadas v. Portugal (dec.), no. 49020/99, ECHR 2000-X, and Nosov v. Russia (dec.), no. 30877/02, 20 October 2005). Furthermore, while in certain circumstances the sole owner of a company can claim to be a “victim” within the meaning of Article 34 of the Convention where the impugned measures were taken in respect of his or her company (see, among other authorities, Ankarcrona v. Sweden (dec.), no. 35178/97, ECHR 2000-VI, and Glas Nadezhda EOOD and Anatoliy Elenkov, cited above, § 40), when that is not the case the disregarding of a company’s legal personality can be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators (see Meltex Ltd and Movsesyan v. Armenia, no. 32283/04, § 66, 17 June 2008; see also Agrotexim and Others v. Greece, 24 October 1995, § 66, Series A no. 330-A; CDI Holding Aktiengesellschaft and Others v. Slovakia (dec.), no. 37398/97, 18 October 2001; and Amat-G Ltd and Mebaghishvili v. Georgia, no. 2507/03, § 33, ECHR 2005-VIII).

Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kienx is-sole owner tal-kumpanija in kwistjoni u skont il-kazistika tal-Qorti ta' Strasbourg hu ma jikkwalifikax anke jekk kien shareholder jew direttur. Inoltre kieku l-kumpaniji kienu ghadhom registrati, huma kienu jkunu intitolati jressqu l-ilmenti taghhom f'kawza f'isimhom. Fil-fatt ghalkemm l-allegat agir illegali tal-Bank Central jirrisali ghal 1990 (ara kawza ipprezentata mill-Bank Central kontra Lawrence Borg u z-zewg kumpaniji) il-kumpaniji gew xolti biss fl-2016. Huma kellhom bizzejjed zmien biex jagixxu ghal allegat ksur tad-drittijiet taghhom. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti r-rikorrent lanqas jista' jigi kkunsidrat bhala vittma indiretta.

Illi ghalhekk iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimati ghandhom jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' z-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimati fuq imsemmija; u tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur